MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Numru. 376/2006

**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo –Pilar Scerri Herrera LL.D.**

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v-**

**RAYMOND CORDINA bin Frans u Maria nee' Portelli, imwieled fis-sebgha ta' Awissu, 1958 u residenti 35, Triq il-Kunsill Civiku, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 40058(G)**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **RAYMOND CORDINA** bin Frans u Maria nee’ Portelli, imwieled fis-sebgha ta’ Awissu, 1958 u residenti 35, Triq il-Kusill Civiku, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita’ numru 40058(G) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar nhat l-ghoxrin [20] ta’ Mejju, 2006 ghall-habta tas-sitta w nofs ta’ filghodu fl-Area tal-Isptar Generali ta’ Ghawdex, ir-Rabat, Ghawdex:-

1. Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni GVN-459 ta’ ghamla Fiat u b’nuqqas ta’ hsieb u tharis tar-regolamenti habat ma mutur bin-numru tar-registrazzjoni FBG-673 ta’ ghamla Suzuki u kkagunalu hsara ghad-dannu ta’ Lawrence Axiak.

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GVN-459 ta’ ghamla Fiat ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-affidavits ta’ PS 1377 Emanuel Cilia u ta’ PC 603 Vincent Buhagiar, l-okkorrenza u l-iskizz relattiv w id-dokument esibit minn Lawrence Axiaq bhala dokument LA.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil PS 1377 Emanuel Cilia, lil PC 603 Vincent Buhagiar, lil Renald Cini u lil Lawrence Axiaq kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju.

Stante li l-akkuzi jirrizultaw ippruvati, **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikolu 226 u 325(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat RAYMOND CORDINA hati taghhom u tikkundannah ghal hlas ta’ multa komplessiva ta’ hamsa w ghoxrin lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------